



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-KONSUMATURI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U S-SIKUREZZA ALIMENTARI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SUQ INTERN, L-INDUSTRIJA, L-INTRAPRENDITORIJA U
L-SMEs
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAN-NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET, IL-KONTENUT
U T-TEKNOĠIJA

Brussell, is-16 ta' Marzu 2020

AVVIŻ GĦALL-PARTIJIET INTERESSATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIR-RIGWARD TAL-BEJGĦ ONLINE (B2C) TA' OĠĠETTI B'KUNSINNA TAL-PAKKETTI SUSSEGWENTI (INKLUŻI ASPETTI TA' "SPIŻERII ONLINE")

Werrej

INTRODUZZJONI.....	2
A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI.....	3
1. KUNTRATT TA' BEJGĦ	3
1.1. Leġislazzjoni tal-UE dwar il-kummerċ elettroniku.....	3
1.2. Protezzjoni tal-konsumatur.....	3
1.2.1. Liġi applikabbli	3
1.2.2. Il-leġislazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.....	3
2. KUNSINNA TAL-PAKKETTI	4
2.1. Formalitajiet doganali.....	4
2.2. Aspetti fiskali.....	5
2.2.1. Obbligi	5
2.2.2. VAT	5
2.2.3. Dazji tas-sisa.....	6
2.3. Aspetti mhux fiskali	6
2.3.1. Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet	6
2.3.2. Konformità mar-regoli tal-prodotti.....	7
2.3.3. Konformità mar-regoli tal-UE għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali	7
3. RIMEDJU U LITIGAZZJONI, INFURZAR PUBBLIKU	8
4. KWISTJONIJIET OĦRAJN	8

4.1. “Spiżeriji online”	8
4.2. Tariffi għall-kunsinna transfruntiera tal-pakketti u s-sorveljanza regolatorja.....	9
B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ.....	9
C. REGOLI APPLIKABBILI FL-IRLANDA TA’ FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA’ TRANŻIZZJONI	9

INTRODUZZJONI

Mill-1 ta’ Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”¹. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ² jipprevedi perjodu ta’ tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta’ Diċembru 2020³. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta’ tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegożjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b’mod partikolari għal żona ta’ kummerċ ħieles. Madankollu, mhuwiex ċert jekk ftehim bħal dan hux se jiġi konkluż u jidħol fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f’termini ta’ kundizzjonijiet ta’ aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteciġazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għalhekk, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni (Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt), kif ukoll ir-regoli applikabbli fl-Irlanda ta’ Fuq wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni (il-Parti C hawn taħt).

Avviż lill-partijiet interessati:

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f’dan l-avviż, l-operaturi kkonċernati huma b’mod partikolari rakkomandati li:

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 29 I, 31.1.2020, p. 7 (“Ftehim dwar il-Ħruġ”).

³ Il-perjodu ta’ tranżizzjoni jista’, qabel l-1 ta’ Lulju 2020, jiġi estiż darba sa sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-gvern tar-Renju Unit s’issa eskluda tali estensjoni.

⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda wieħed minnhom ma huwa rilevanti fil-kuntest ta’ dan l-avviż.

⁵ B’mod partikolari, ftehim ta’ kummerċ ħieles ma jipprevedix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonnoxximent reċiproku, il-“prinċipju tal-pajjiż ta’ oriġini”, u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta’ kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

- jivvalutaw il-ħtieġa li tiġi stabbilita fl-UE;
- jadattaw il-kanali ta' distribuzzjoni.

A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE rilevanti għall-bejgħ online B2C ma għadhomx japplikaw għar-Renju Unit⁶. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. KUNTRATT TA' BEJGĦ

1.1. Leġislazzjoni tal-UE dwar il-kummerċ elettroniku

Il-liġi tal-UE tipprevedi li l-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, bħal ħwienet fuq l-internet jew swieq online, stabbiliti fl-UE huma soġġetti għall-liġi tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fornitur ("prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini").

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kumpaniji stabbiliti fir-Renju Unit li jipprovdu servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni fl-UE se jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' kull Stat Membru tal-EU rispettiv. Il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini" stabbilit mil-liġi tal-UE ma jibqax japplika.

Iktar informazzjoni hija disponibbli fl-"Avviż lill-partijiet interessati – Il-ħruġ tar-Renju Unit u l-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kummerċ elettroniku u newtralità tal-internet"⁷.

1.2. Protezzjoni tal-konsumatur

1.2.1. Liġi applikabbli

Skont id-dritt tal-UE, meta konsumatur jikkonkludi kuntratt ma' professjonist f'pajjiż ieħor li, bi kwalunkwe manjiera, jgħaddi l-attivitajiet kummerċjali tiegħu lill-pajjiż ta' residenza tal-konsumatur, ġeneralment il-kuntratt ikun irregolat mil-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu residenza abitwali tiegħu. Huwa possibbli li tintgħażel liġi oħra iżda din l-għażla ma tistax iċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija mil-liġi fir-residenza abitwali, li ma tistax tiġi derogata bi ftehim skont dik il-liġi.

1.2.2. Il-leġislazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur

Il-liġi tal-UE tistabbilixxi regoli li jipproteġu lill-konsumatur li jixtri oġġetti minn negozjant. Dawn ir-regoli jirrelataw b'mod partikolari ma' informazzjoni prekuntrattwali, id-dritt li jiġi kkanċellat kuntratt

⁶ Rigward l-applikabilità tar-regoli tal-UE dwar id-dwana, il-VAT, is-sisa u l-merkanzija għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

⁷ https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notice_en#cnect

fi żmien 14-il jum, termini kuntrattwali inġusti u prattiki kummerċjali inġusti, u garanziji.

Anki l-għażla tal-liġi ta' pajjiż terz ma tistax iċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija mil-liġi tar-residenza abitwali.

Iktar informazzjoni hija disponibbli fl-“Avviż lill-partijiet interessati – Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u d-drittijiet tal-passiġġieri”⁸.

2. KUN SINNA TAL-PAKKETTI

2.1. Formalitajiet doganali

Skont il-liġi tal-UE, il-merkanzija li tiddaħħal fit-territorju doganali tal-UE hija soġġetta għal supervizzjoni doganali u tista' tkun soġġetta għal kontrolli doganali. L-oġġetti għandhom jiġu ppreżentati lid-dwana. Dan japplika ugwalment għal oġġetti akkwistati fuq l-internet u li wara jitwasslu permezz ta' kunsinna ta' pakketti mir-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kemm jekk dawk l-oġġetti jintbagħtu bil-posta kif ukoll jekk jintbagħtu b'couriers express

Fir-rigward tal-approvazzjoni doganali tal-kunsinni, il-qafas legali applikabbli mill-1 ta' Jannar 2021 jistabbilixxi r-rekwiżiti li ġejjin:

Valur tal-kunsinna	Posta	Express
Inqas minn EUR 150	<ul style="list-style-type: none">– dikjarazzjoni sommarja tad-dħul (ENS)⁹– dikjarazzjoni doganali b'sett ta' data mnaqqas ħafna– preżentazzjoni lid-dwana	
Aktar minn EUR 150	<ul style="list-style-type: none">– ENS– dikjarazzjoni doganali standard (sett ta' data mnaqqas possibbli għal merkanzija sa EUR 1 000)– preżentazzjoni lid-dwana	<ul style="list-style-type: none">– ENS– dikjarazzjoni doganali standard għall-finijiet ta' VAT u doganali– preżentazzjoni lid-dwana

Oġġetti soġġetti għad-dazju tas-sisa

Peress li l-prodotti bid-dazju tas-sisa mhumiex koperti mill-eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni għal kunsinni ta' valur sa EUR 150, il-formalitajiet doganali simplifikati msemmija hawn fuq ma japplikawx. Konsegwentement hija meħtieġa dikjarazzjoni doganali sħiħa għar-rilaxx tagħhom fiċ-ċirkolazzjoni libera.

⁸ https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notice_en#justmove

⁹ Sa mill-15 ta' Marzu 2021

Tariffi

Id-dritt tal-Unjoni jipprovdi li, bħala regola ġenerali, l-ebda tariffa ma għandha tiġi imposta fuq il-proċeduri doganali¹⁰. Madankollu, l-operatur postali jew express jista' jitlob ħlas biex jittratta mal-proċeduri doganali.

2.2. Aspetti fiskali

2.2.1. Obbligi

Skont il-liġi tal-UE, dejn doganali fuq l-importazzjoni jsir b'mod partikolari permezz tat-tqegħid ta' merkanzija mhux tal-Unjoni soġġetta għal dazju tal-importazzjoni skont il-proċedura doganali ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera.

Iktar informazzjoni hija disponibbli fl-*“Avviż lill-partijiet interessati – Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE dwar id-dejn doganali u t-tariffi doganali”*¹¹.

Kunsinni ta' valur sa EUR 150 mibgħuta direttament minn negozju ta' pajjiż terz lil konsumatur tal-UE huma eżentati mid-dazji tal-importazzjoni¹². Din l-eżenzjoni ma tapplikax għal prodotti alkoħoliċi u tat-tabakk, fwejjaħ u ilmijiet tat-twaletta¹³.

2.2.2. VAT

Skont id-Direttiva tal-VAT¹⁴, il-VAT hija dovuta mal-importazzjoni tal-merkanzija fl-UE¹⁵ bir-rata li tapplika għall-provvisti tal-istess merkanzija fit-territorju tal-Istat Membru tal-importazzjoni¹⁶. Il-VAT huwa pagabbli lill-awtoritajiet doganali fil-mument tal-importazzjoni, sakemm l-Istat Membru tal-importazzjoni ma jippermettix li l-VAT tal-importazzjonijiet tiddaħħal fid-dikjarazzjoni perjodika tal-VAT tal-persuna taxxabbli¹⁷. L-ammont taxxabbli hu bbażat fuq il-valur doganali, iżda jizjed (sa fejn għadu ma ġiex inkluż) (a) b'taxxi, dazji, imposti u piżijiet oħra dovuti barra mill-Istat Membru tal-

¹⁰ L-Artikolu 52(1) tar-Regolament (KE) Nru 952/2013 li jstabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

¹¹ https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notice_en#tradetaxud

¹² L-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 li jstabilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali, ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.

¹³ L-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009.

¹⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

¹⁵ L-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva tal-VAT.

¹⁶ L-Artikolu 94(2) tad-Direttiva tal-VAT — ir-rati tal-VAT applikati f'kull Stat Membru huma hawnhekk: https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/resources/documents/taxation/vat/how_vat_works/rates/vat_rates_en.pdf.

¹⁷ L-Artikolu 211 tad-Direttiva tal-VAT.

importazzjoni, u dawk dovuti minħabba l-importazzjoni, minbarra l-VAT li trid tiġi imposta, u (b) bi spejjeż inċidentali, bħall-ispejjeż tal-kummissjoni, tal-ippakkjar, tat-trasport u tal-assigurazzjoni, imġarrba sal-ewwel post tad-destinazzjoni fit-territorju tal-Istat Membru tal-importazzjoni kif ukoll dawk li jirriżultaw mit-trasport lejn post ieħor ta' destinazzjoni fl-UE, jekk dak il-post l-ieħor ikun magħruf meta jseħħ l-avveniment li jagħti lok għal hlas¹⁸.

Fir-rigward tal-ħlas tal-VAT dovut, il-qafas legali applikabbli mill-1 ta' Jannar 2021 jistabbilixxi l-għażliet li ġejjin:

- Punt uniku ta' servizz għad-dikjarazzjoni u l-ħlas tal-VAT dovuta għall-importazzjonijiet ta' prodotti fl-UE sa valur ta' EUR 150¹⁹; jew
- Il-ġbir tal-VAT dovuta mid-dikjarant doganali (eż. operatur postali, ditta ta' courier, aġenti doganali) li se jħallasha lill-awtoritajiet doganali permezz ta' pagament ta' kull xahar²⁰.

2.2.3. *Dazji tas-sisa*

Id-dazji tas-sisa huma dovuti fuq l-oġġetti meta jiġu rilaxxati għall-konsum bir-rati applikabbli għall-Istat Membru fejn ir-rilaxx fiżikament iseħħ. Ma hemm l-ebda eżenzjoni *de minimis* disponibbli għall-bejgħ online.

2.3. **Aspetti mhux fiskali**

2.3.1. *Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet*

Il-liġi tal-UE tistabbilixxi diversi "projbizzjonijiet u restrizzjonijiet" għall-importazzjoni/introduzzjoni ta' ċerti oġġetti fit-territorju doganali tal-UE. Dawn il-"projbizzjonijiet u restrizzjonijiet" japplikaw ukoll għall-introduzzjoni ta' oġġetti fit-territorju doganali tal-UE permezz ta' kunsinna ta' pakketti. Jistgħu jikkonċernaw varjetà ta' prodotti differenti li jistgħu jinbiegħu B2C, li jvarjaw minn farmaċewtiċi, jew kampjuni ta' speċi fil-periklu.

Iktar informazzjoni hija disponibbli fl-*"Avviż lill-partijiet interessati – Il-ħruġ tar-Renju Unit u l-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-liċenzji ta' l-importazzjoni/esportazzjoni għal ċerti prodotti"*²¹.

¹⁸ L-Artikoli 85 u 86 tad-Direttiva tal-VAT.

¹⁹ L-Artikoli 369l sa 369x tad-Direttiva tal-VAT introdotti bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti, ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7.

²⁰ L-Artikoli 369y sa 369zb tad-Direttiva tal-VAT introdotti bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti, ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7.

²¹ https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notice_en#tradetaxud

2.3.2. *Konformità mar-regoli tal-prodotti*

Il-prodotti mibjugħa online u mibgħuta minn pajjiż terz lill-UE jitqiegħdu fis-suq tal-UE u għalhekk dawn il-prodotti jridu jikkonformaw mar-regoli kollha tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti.

Iktar informazzjoni hija disponibbli fl-“Avviż lill-partijiet interessati – Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam ta’ prodotti industrijali”²².

Il-liġi tal-UE teħtieġ li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-UE jkunu involuti mill-qrib fl-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq u li jikkooperaw ma’ awtoritajiet oħra²³.

B’mod partikolari, l-awtoritajiet doganali għandhom jissospendu r-rilaxx ta’ prodott għaċ-ċirkolazzjoni libera u, b’kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, ma jhalluhx milli jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni meta dan ikun ta’ riskju serju għas-saħħa, is-sikurezza, l-ambjent jew interess pubbliku ieħor protett jew il-prodott ma jkunx konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti. Barra minn hekk, il-prodotti tas-sisa jistgħu jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta’ imballaġġ u tikkettar skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali dwar is-saħħa, kif ukoll rekwiżiti nazzjonali għat-twaħħil ta’ timbri fiskali.

2.3.3. *Konformità mar-regoli tal-UE għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali*

Skont il-liġi tal-UE, id-drittijiet ta’ distribuzzjoni huma soġġetti għall-eżawriment ladarba l-prodott protett minn dritt ta’ proprjetà intellettwali (IP) ikun tqiegħed b’mod legali fis-suq fl-UE, pereżempju mill-proprjetarju jew id-detentur tal-liċenzja. Wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, id-dritt tal-IP ma jgħix eżawrit jekk prodott protett minn dak id-dritt ikun tqiegħed fis-suq b’mod legali fir-Renju Unit.

Minbarra l-kwistjoni tal-eżawriment, ir-regoli tal-UE jipprevedu reġim speċifiku għall-infurzar tat-trademarks u ta’ drittijiet oħra tal-proprjetà intellettwali rreġistrati fl-UE, fejn il-prodotti jiġu importati. Skont ir-regoli tal-UE, applikant jista’ jitlob lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri biex jieħdu azzjoni fir-rigward ta’ oġġetti suspettati li jiksru dritt ta’ proprjetà intellettwali,²⁴ wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, id-dwana tista’ tieħu azzjoni fuq il-bażi ta’ dawn ir-regoli fir-rigward ta’ oġġetti importati mir-Renju Unit.

²² https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt

²³ Ara l-Avviż tal-Kummissjoni “Gwida Blu”, il-Kapitolu 7.3. [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016XC0726\(02\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016XC0726(02))

²⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali, ĠU L 181, 29.6.2013, p. 15.

3. RIMEDJU U LITIGAZZJONI, INFURZAR PUBBLIKU

Ir-regoli ta' kompetenza tal-UE li jippermettu lill-konsumatur li jfittex lin-negozjant fi Stat Membru tal-EU fejn ikun domiċiljat, irrispettivament jekk in-negozjant ikunx domiċiljat fl-UE jew f'pajjiż terz. Madankollu, għal litigazzjoni li tibda wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenza tal-UE fir-Renju Unit u viċi versa se jkunu rregolati minn regoli nazzjonali fl-UE u fir-Renju Unit.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-liġi tal-UE li tiżgura d-disponibbiltà ta' soluzzjoni għat-tilwim barra mill-qorti u li tiffaċilita l-aċċess għal soluzzjoni alternattiva tat-tilwim ma tibqax tapplika għar-Renju Unit. Il-pjattaforma għas-soluzzjoni online għat-tilwim tal-UE²⁵ m' għadhiex disponibbli fir-rigward tan-negozjanti stabbiliti fir-Renju Unit.

Barra minn hekk, iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur tar-Renju Unit se jieqaf milli jkun membru tal-ECC-Net²⁶, li jfisser li mhux se jkun hemm għajnuna b'ilmenti transfruntiera li jinvolvu negozjanti stabbiliti fir-Renju Unit. Mid-data tal-ħruġ, l-awtoritajiet tar-Renju Unit mhux se jkunu obbligati jikkooperaw ma' awtoritajiet kompetenti oħra tal-UE fil-każ ta' ksur transfruntier tal-liġi tal-UE dwar il-konsumatur skont ir-Regolament (KE) No2017/2394²⁷.

Iktar informazzjoni hija disponibbli fl-*“Avviż lill-partijiet interessati – Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u d-drittijiet tal-passiġġieri”*²⁸.

4. KWISTJONIJIET OĦRAJN

4.1. “Spiżeriji online”

Il-liġi tal-UE tipprevedi “logo komuni” għall-ispiżeriji online stabbiliti fl-UE u li joffru prodotti mediċinali għall-bejgħ mill-bogħod lill-pubbliku permezz ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni²⁹. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, persuni stabbiliti fir-Renju Unit ma jistgħux igawdu aktar minn dan il-logo komuni.

²⁵ <https://ec.europa.eu/consumers/odr/main/?event=main.home2.show>

²⁶ https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/consumers/resolve-your-consumer-complaint/european-consumer-centres-network_mt

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi, ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1.

²⁸ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt

²⁹ Ara t-Titolu VIIA tad-Direttiva 2001/83/KE.

4.2. Tariffi għall-kunsinna transfruntiera tal-pakketti u s-sorveljanza regolatorja

Il-liġi tal-UE ttiprovdi għal żieda fit-trasparenza tat-tariffi għall-kunsinna transfruntiera tal-pakketti³⁰. Filwaqt li, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, l-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament 2018/644 ma għadhomx japplikaw fir-rigward tat-tariffi għall-kunsinna ta' pakketti lejn u mir-Renju Unit, l-obbligu ta' trasparenza skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 97/67EC³¹ jibqa' japplika għall-fornituri tas-servizz universali tal-Unjoni.

B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

Uħud mill-aspetti stabbiliti fit-Taqsima A ta' dan l-avviż huma indirizzati fil-Ftehim dwar il-Ħruġ sabiex jiġi żgurat il-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-UE. B'mod partikolari:

- L-Artikolu 41(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi li prodott eżistenti u identifikabbli individwalment imqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn dawn iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent finali tiegħu.
- L-Artikolu 61 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li d-drittijiet tal-proprjeta' intellettuali li ġew eżawriti kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jibqgħu eżawriti.
- It-Titoli II u III tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdu għal regoli b'rabta mal-istatus doganali, il-VAT u s-sisa għal oġġetti li l-moviment tagħhom ikun beda qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni iżda jintemm wara dak iż-żmien ("oġġetti tat-tbaħħir").

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ("IE/NI Protocol") japplika³². Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġislattiva tal-Irlanda ta' Fuq, il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni li jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni³³.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jagħmel ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar servizzi tal-kunsinna tal-pakketti transkonfini, ĠU L 112, 2.5.2018, p. 19.

³¹ Id-Direttiva 67/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14.

³² L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

³³ L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru³⁴.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li r-regoli stabbiliti fit-Taqsima A.2 (bl-eċċezzjoni tar-regoli msemmija f' A.2.3.3, li japplikaw biss għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq u fir-Renju Unit sal-punt stabbilit fit-Taqsima 45 tal-Anness 2 għal dak il-Protokoll) u A.4.1. ta' dan l-avviż japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq³⁵.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B (bl-eċċezzjoni tat-2 punt inċiż) ta' dan l-avviż għandhom jinftehemu bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftehemu li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B' mod aktar speċifiku, dan ifisser fost oħrajn:

- Merkanzija li tintbagħat mill-Irlanda ta' Fuq lejn l-UE mhijiex importazzjoni għall-iskop tar-regoli stabbiliti fit-taqsima A.2 ta' dan l-avviż;
- Merkanzija ttrasportata bil-baħar mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' Fuq hija importazzjoni għall-iskop tar-regoli stabbiliti fit-taqsima A.2 ta' dan l-avviż.

Madankollu, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni³⁶;
- jibda proċeduri ta' oġġezzjoni, ta' salvagwardja jew ta' arbitraġġ sal-punt li jikkonċernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet maħruġa jew imwettqa mill-Istati Membri tal-UE;³⁷
- jaġixxi bħala l-awtorità ewlenija għal valutazzjonijiet, eżamijiet u awtorizzazzjonijiet³⁸;
- jinvoka l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini jew ir-rikonoxximent reċiproku għal prodotti mqiegħda legalment fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq³⁹.

³⁴ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

³⁵ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

³⁶ Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dan se jseħħ fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

³⁷ Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

³⁸ L-Artikolu 13(6) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

³⁹ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

Is-siti web rilevanti tal-Kummissjoni jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar dawn l-
aspetti. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

Id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi

Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

Id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-
Teknoloġija